**Emenda 27**
**Jude Kirton-Darling, Yannick Jadot, Claude Rolin, Tiziana Beghin, Helmut Scholz and others**

**Rapport** **A8-0175/2015**
**Bernd Lange**
Negozjati għas-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP)
2014/2228(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt d – punt xv**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (xv) li tiżgura ***l-applikabbiltà tal-ftehimiet internazzjonali, biex jintemm it-trattament mhux ugwali tal-investituri Ewropej fl-Istati Uniti minħabba l-ftehimiet eżistenti tal-Istati Membri; li tiżgura li l-investituri barranin jiġu trattati b'mod nondiskriminatorju u jkollhom opportunità ġusta li jfittxu u jiksbu rimedju għall-ilmenti filwaqt li ma jibbenefikawx minn aktar drittijiet mill-investituri domestiċi;*** | (xv) li tiżgura ***li l-investituri barranin jiġu trattati b'mod nondiskriminatorju u jkollhom opportunità ġusta li jfittxu u jiksbu rimedju għall-ilmenti filwaqt li ma jibbenefikawx minn aktar drittijiet mill-investituri domestiċi; li topponi l-inklużjoni tar-riżoluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-istat (ISDS) fit-TTIP, billi hemm disponibbli għażliet oħra biex tiġi infurzata l-protezzjoni tal-investimenti, bħal rimedji domestiċi***; |
| ***– li tibni fuq id-dokument kunċettwali ippreżentat reċentement mill-Kummissarju Malmström lill-Kumitat INTA, fis-7 ta' Mejju u d-diskussjonijiet li għaddejjin fi ħdan il-Kunsill tal-Ministri tal-Kummerċ u tużahom bħala bażi għal negozjati dwar sistema ġdida u effikaċi għall-protezzjoni tal-investiment, peress li dawn jipprovdu proposti mistennija ħafna għal riforma u titjib,*** | |
| ***– li, filwaqt li tqis is-sistemi ġuridiċi żviluppati tal-UE u tal-Istati Uniti, tafda lill-qrati tal-UE u tal-Istati Membri kif ukoll dawk tal-Istati Uniti biex jipprovdu protezzjoni legali effikaċi abbażi tal-prinċipju ta' leġittimità demokratika, b'mod effiċjenti u kosteffettiv,*** | |
| ***– li tipproponi soluzzjoni permanenti għar-riżoluzzjoni ta' tilwim bejn*** | |

***investituri u stati, li tkun soġġetta għall-prinċipji u l-iskrutinju demokratiċi, fejn il-każijiet potenzjali jiġu trattati b'mod trasparenti minn imħallfin professjonali indipendenti maħtura pubblikament f'seduti pubbliċi u li tkun tinkludi mekkaniżmu ta' appell, fejn il-konsistenza tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji tkun żgurata u l-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-UE u tal-Istati Membri tiġi rispettata,***

***– f'terminu medju, Qorti Internazzjonali tal-Investiment pubblika tista' tkun l-aktar mod xieraq biex jiġi indirizzat tilwim dwar investimenti;***

Or. en